**Parlament Ewropew**
2014-2019

**0013/2016**

24.2.2016

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar ir-rispons li għandu jingħata għall-isfidi ppreżentati mill-Indiċi Globali tal-Ġuħ

**Brian Hayes (PPE), Neena Gill (S&D), Petr Ježek (ALDE), Tom Vandenkendelaere (PPE), Nirj Deva (ECR), Deirdre Clune (PPE), Doru-Claudian Frunzulică (S&D), Seb Dance (S&D), Davor Ivo Stier (PPE), Beatriz Becerra Basterrechea (ALDE)**

Data ta' skadenza: 24.5.2016

**0013/2016**

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar ir-rispons li għandu jingħata għall-isfidi ppreżentati mill-Indiċi Globali tal-Ġuħ**[1]

1. Skont l-Indiċi Globali tal-Ġuħ tal-2015, il-livell tal-ġuħ fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw naqas b'27 % mis-sena 2000 'il hawn. Meta mqabbla maċ-ċifri rreġistrati mill-Indiċi Globali tal-Ġuħ fis-sena 2000, 17-il pajjiż naqqsu ċ-ċifri tal-ġuħ tagħhom b'50 % jew aktar.

2. Minkejja l-progress li sar, il-livelli tal-ġuħ għadhom "gravi" jew "allarmanti" fi 52 pajjiż mill-117-il pajjiż koperti.

3. 795 miljun ruħ għadhom ibatu minn nutrizzjoni ħażina kronika; aktar minn tifel wieħed jew tifla waħda minn kull erbat itfal huma milquta minn waqfien fl-iżvilupp, u 9 % tat-tfal huma milquta minn taħsir fil-qagħda ta' saħħithom.

4. Il-pajjiżi li għandhom l-ogħla ċifri tal-Indiċi Globali tal-Ġuħ għandhom it-tendenza li jkunu dawk involuti fi gwerra, jew ikunu għadhom kemm ħarġu minnha.

5. Għaldaqstant, il-Kummissjoni u l-Kunsill huma mitluba li:

   – iżidu l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni tar-rifuġjati u jiżguraw li dawn l-isforzi huma bbażati fuq il-ħtiġijiet u li ma jħallu barra lil ħadd;

   – jagħtu attenzjoni speċjali lis-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni f'pajjiżi vulnerabbli, peress li din hija kemm il-kawża kif ukoll il-konsegwenza tal-kunflitti;

   – jiffokaw fuq l-implimentazzjoni tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 16 dwar il-paċi u l-ġustizzja sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jintlaħaq l-għan "żero ġuħ".

6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.